MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2012

Numru 123/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**v.**

**Lorcharles Pace**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lorcharles Pace, bin Zachary u Helen nee` Apap, imwieled fil-21 ta’ Gunju 1985 u residenti fil-fond North Sunshine, Triq il-Kav. L. Zammit Haber, Xewkija, Ghawdex, u detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 28085(G) fejn gie akkuzat talli nhar l-Erbgha, 20 ta’ April, 2011 ghal habta ta’ 08:15hrs u fil-hinijiet ta’ qabel, gewwa Gnien Blankas, ix-Xewkija, Ghawdex:

1. ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghall-kacca fuq il-gamiema u s-summiena matul l-istagun tal-kacca tar-Rebbiegha jew zamm jew garr arma tan-nar Benelli S/N

E0188101 li kienet ikkargata jew bl-iskratac taghha, u barra l-ghata taghha, kif ukoll munizzjoni li jikkonsisti f'sitta u hamsin (56) skartocc, f'post fejn mhux permess l-isparar fuq kacca u dan bi ksur tar-regolament 17 ta' l-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex minbarra l-piena taht ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-6 ta' Marzu, 2012 li permezz taghha dik il-Qorti fuq ammissjoni tieghu sabet lill-imputat Lorcharles Pace hati tal-imputazzjoin migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250.00) u ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* izda m'ordnatx is-sospensjoni tal-licenzja *stante* li din m'hijiex tassattiva.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Lorcharles Pace minnu prezentat fid-9 ta' Marzu 2012, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li tirrigwardja l-konfiska tal-*corpus delicti* ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors ta' appell.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**6.** Il-fatti tal-kawza jistghu jigu riassunti kif gej:

Fl-20 ta' April 2011 xi ufficjali tal-pulizija kienu fi Gnien Blankas fil-limiti tax-Xewkija Ghawdex ghaliex kellhom informazzjoni li kien hemm xi kaccaturi jduru ghall-kacca fl-inhawi. F'hin minnhom gie intercettat mill-pulizija fuq il-post l-imputat appellant. Meta tressaq quddiem l-ewwel

Qorti imputat kif inghad l-imputat appellant ammetta l-imputazzjoni kontra tieghu.

**7.** L-appell huwa limitat ghall-konfiska tal-*corpus delicti* bl-aggravju tal-appellant huwa li peress li ma jirrizultax li l-*corpus delicti* gie esibit materjalment jew formalment in atti allura l-ewwel Qorti ma setghetx tordna l-konfiska tieghu.

Ikkunsidrat:

**8.** Fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti tat-18 ta' Mejju 2012 l-Avukat Generali permezz tal-ufficjal prosekutur eccepixxa n-nullita' tal-appell stante li ma gewx segwiti l-Artikoli 416 u 419 tal-Kodici Kriminali u dan peress li l-appell huwa sprovvist mill-fatti tal-kaz kif ukoll it-talba kif redatta, kif ukoll peress li ma ntalbitx s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza u lanqas saret il-garanzija mitluba mill-ligi.

**9.** Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni msemmija din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-eccezzjoni msemmija ghandha tintlaqa' in kwantu bazata fuq ir-raguni li l-appell huwa sprovvist mill-fatti tal-kaz. L-appell huwa wiehed limitat ferm u l-fatti esposti huma dawk relevanti ghall-fini tal-appell kif arginat u ghall-fini tal-aggravju dedott u ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-fatti esposti huma sufficjenti sabiex jissodisfaw il-vot tal-ligi.

**10.** Inoltre, din il-Qorti ukoll ma hijiex tal-fehma li l-eccezzjoni msemmija ghanda tintlaqa' in kwantu bazata fuq kif it-talba fir-rikors tal-appell hi redatta. Fir-rikors tal-appell it-talba hi li din il-Qorti "joghgobha thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li tirrigwardja l-konfiska tal-corpus delicti.." Il-prosekuzzjoni spjegat l-eccezzjoni taghha f'dan ir-rigward billi sostniet li fl-appell kellha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux it-thassir jew revoka. F'dan ir-rigward it-talba konkluzziva fir-rikors tal-appell setghet certament tigi redatta b'aktar precizjoni izda din il-Qorti hi tal-fehma li sabiex it-talba tkun qed titlob ir-riforma tas-sentenza appellata ma hux tassattiv u assolutament mehtieg li tintuza l-kelma "tibdel" jew il-

kelma “tirriforma” fit-talba sakemm ikun manifestament car li dak li jkun qieghed jintalab ikun it-tidil jew riforma tas-sentenza appellata[1]. Issa fir-rikors tal-appell qieghed jintalab li is-sentenza appellata tithassar u tigi revokata f’dik il-parti taghha li tirrigwarda l-konfiska u ma saret ebda talba ohra ghar-rigward il-kumplament tas-sentenza fejn din sabet htija fil-konfront tal-appellant. Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi sodisfatta li talba bhal dik kjarament u palesament tammonta ghal talba ghat-tibdil tas-sentenza appellata u li ghalhekk il-vot tal-ligi hu sodisfatt ukoll f’dan ir-rigward.

**11.** In kwantu, izda, li l-eccezjoni tan-nullita’ tal-appell hi bazata fuq in-nuqqas tat-talba tas-sospensjoni tas-sentenza appellata u n-nuqqas tal-garanzija mehtiega mill-ligi l-Avukat Generali ghandu ragun. Il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza jidher li giet parifikata fil-gurisprudenza mal-akkwiexxenza li hi in konflitt mal-volonta li wiehed jappella[2]. Gie wkoll ritenut li biex it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tkun tista’ tigi milqugha jehtieg li tigi maghmula immedjatament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b’dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skont l-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali[3]. Huwa minnu li fi zmien aktar ricenti l-gurisprudenza hadet atteggjament ftit anqas rigorus f’din il-materja fejn jirrizultaw cirkostanzi eccezjonali li jaghtu lok li l-appell jigi ammess[4] izda f’dan il-kaz ma giet pruvata ebda tali cirkostanza eccezzjonali.

Ghall-motivi premessi il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali limitatament ghar-raguni li ma ntalbitx is-sospensjoni tas-sentenza appellata skont il-ligi u tiddikjara l-appell irritwali u null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

---

[1] Ara Qorti Kriminali Henriette Mifsud Bonnici v Maurice Mifsud Bonnici, 20 ta’ Lulju 1951, Vol. XXXV.IV.747

[2] Q App Kr, Pulizija v Issa Isslam Tawfik Issa, 2 ta’ Frar 2006 u l-gurisprudenza hemm citata.

[3] ibid

[4] Ara Q App Kr Pulizija v Francis Scicluna, 20 ta’ Jannar 1995

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------